MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2013

Numru. 848/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR TREVOR MICALLEF**

**VS**

**GEANI ROBERTO MORIN**
**GEORGIANA ELENA CHIUC**

**Il-Qorti:**

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imsemmija Geani Roberto Morin ta’ 31 sena, iben Niculae u Niculina xebba Marinescu, imwieled gewwa r-Rumania nhar is-17 ta’ April 1981, residenti gewwa Flat 7, Triq Ball, san Giljan, detentur ta’ Passaport b’numru 13079601 u ta’ Georgiana Elena Chiuc ta’ 20 sena bint Gheorghe Chiuc u Aurora xebba Lumgu, mwielda gewwa r-Rumania mhar it-18 ta’ Mejju 1992. Residenti gewwa Flat 6 Triq San Gorg, San

Giljan u detentrici ta' passaport Rumen b'numru 085674353.

**Talli fid-19 ta' Awwissu 2012, u fil-granet ta' qabel f'dawn il-gzejjer Geani Roberto Marin;**

Ikkometta serq ta' mobile phone Sony Ericcson liema serq huwa aggravate bil-valur (aktar minn Euros 232.56, izda mhux aktar minn 2325.58) ghad-dannu ta' persuna mhux maghrufa.

Ikkometta serq ta' qmis tad-ditta Sisley liema serq huwa aggravate bi sgass minn Sisley, Bisazza Street, Tas-Sliema ghad-dannu ta' Fashion Retailers Ltd.
Ikkometta serq ta' Jeans tad-ditta Killah liema serq huwa aggravate bi sgass minn Exit, Triq it-Torri, Tas-Sliema ghad-dannu ta' One Fashion Ltd

Instab fil-pussess tieghu strumenti li jaqtaw jew bil-ponta ta' liema xorta jkun maghruf ma kellu licenza jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija.

It-tnejn li huma b'diversi atti maghmulin minnhom, ukoll jekk fi zminijiet differenti, liema jiksru l-istess diposizzjonijiet tal-ligi, u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat liema valur jeccedi il-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), sew jekk dan sar f'malta jew barra minn Mlata, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahlu biex ibieghhom jew imexxuhom.

Wara li gew ikkundanati f'Malta ghal serq jew ghal ricettazzjoni, instabu fil-pussess taghhom frottijiet, xtieli, jew prodotti ohra tar-raba' jew tal-gonna, jew ta' flus, jew ta' ogetti ohra, li ma jkunux tal-kondizzjoni taghhom, minghajr ma taw kont sodisfacenti ta' kif kienu gew legittimament ghandhom, inkella instabu ghandhom mfietah, imqabblin jew iffalsifikati, jew ghodod ohra tajbin ghal ftuh jew sgassar ta' serraturi, jew instabu ghandhom

forom ta’ serraturi, minghajr ma taw kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu jinsabu ghandhom f’dak iz-zmien.

Nakkuza lil Georgiana Elena Chiuc wehidha talli fl-istess dati, postijiet, hinijiet u cirkostanzi, rrendiet ruha komplici fid-delitt maghmul minn Geani Roberto Marin meta xjentement, ghen jew assitiet sabiex id-delitt kien gie ppreparat jew ikkunsmat; jew xewxu, inkella sahhet il-volonta’ tieghu sabiex jaghmel id-delitt, jew weghditu li wara l-fatt tassistih, tieqaf mieghu jew tikkompensah.

**Il-Qorti:**

Wara li semghet il-provi prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li rat l-Artikoli 261, 262, 264, 265, 267, 279, 278, 284, 286, 287, 49, 50 u 28 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Wara illi semghet il-provi prodotti u ezaminat id-dokumenti ezebiti.

Rat in-nota tal-Avukat Generali li dawn il-proceduri jigu trattati bi proceduri sommarji.

Wara li rat id-divizjoni tal-attiu seperazzjoni tal-pregudizju mill-imputata l-ohra Chiuc.

**Ikkunsidrat:**

Illi s-serq per se li bih huwa akkuzat l-imputat ma jirrizultax stante illi l-ebda prova f’dan is-sens ma ingabet mill-Prosekuzzjoni. Izda, ic-cirkostanzi li fih instab dan il-

mobile, fuq bejt adjacent tal-fond abitat mill-imputat wara illi gie mormi minn got-tieqa mill-istess imputat kif ukoll il-fatt illi l-imputat dam ma jiftah il-bieb ghall-Pulizija inkwerenti u l-fatti l-ohra u cirkostanzjali ta' kif instab dan t-“telephone” johloq preunzjoni ragonevoli illi dan it-“telephone” insteraq minnghand nies injoti u intrema bl-isperanza illi ma jigiex misjub. Dan huwa mobile ta' certu valur u ghalhekk ma jaghmilx assolut sens illi dana intrema fuq il-bejt mill-imputat sempliciment ghall-kapricci. “Il piu comprende il meno” u ghalhekk dina l-Qorti qed issib lill-imputat hati ta' ricettazjoni izda tilliberah mill-akkuza ta' serq u dan anke jekk il-Prosekuzzjoni gabet provi sufficjenti li raw l-imputat jarmi dana t-“telephone” barra mit-triq. Din hija prova ta' pussess izda mhux ta' serq.

Illi l-istess jista jinghad ghaz-zewg oggetti ohra ta' lbies li instabu mill-Pulizija fl-appartament okkupat mill-imputat u-tfajla tieghu. Veru illi ingabu x-xhieda r-rapprezentanti taz-zewg negozji illi jirraprezentaw iz-zewg ditti li taghhom jappartjenu dawn iz-zewg oggetti u veru illi dawn iz-zewg rapprezentanti xehedhu illi kellhom “item” kull wiehed identiku ghall-istess misjub nieqes mill-istock taghhom, ma jistghux jghidu illi dak l-“item” partikulari misjub huwa l-istess wiehed nieqes mill-istock taghhom. Fil-fatt l-anqas biss kienu jafu dawn il-hwienet illi kellhom dan l-item nieqes gew rikjesta mill-Pulizija sabiex jiccekkjaw l-istock taghhom.

Illi madanakollu waqt illi ma tezisti l-ebda prova illi l-imputat kien hu illi seraq dawn l-oggetti, il-probabilta' kbira hija illi dawn huma l-istess “items” li sfaw nieqsin miz-zewg hwienet u b'mod jew iehor, spiccaw fil-pussess tal-imputat u siehbitu. Waqt il-possibilta' hija li l-imputat kienet il-persuna responsabbli ghall-dana s-serq, jista jezisti dubbju ragonevoli illi responsabbli kienet s-siehba tieghu jew terza persuna. Ghalhekk, ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti qed tillibera lill-imputat mill-akkuzi ta' serq izda issibu hati ta' dawk ta' ricettazzjoni.

Illi d-difiza qeghdha targumenta illi sieheb l-imputat, fuq ammissjoni, kienet giet misjuba hatja ta' ricettazzjoni u

approprjament u ghalhekk kkundanata. Illi ghalhekk targumenta illi l-imputat ma jistghax jinsab hati tal-istess akkuzi stante dan ir-reat kien l-istess reat li bih gie akkuzat dana l-imputat. Dina l-Qorti ma tistghax taqbel ma dan l-argument stante lli ma jfissirx illi jekk wiehed jew wahda mill-imputati jinstab jew tinstab hati jew hatja ta' ricettazzjoni, l-imputat l-iehor ma jistax. Marin qieghed ri-infacjat b'sitwazzjoni fejn instabu fil-pussess taz-zewg imputati tlett affarijiet li jidhru illi huma misruqa u illi l-istess imputati ma jistghux jaghtu spjegazzjoni plawsibbli dwar kif kienu fil-pussess taghhom. Waqt li *dan* il-Qorti ghandha s-sospetti taghha illi dawn ukoll insterqu miz-zewg imputati hija diga ddikjarat illi ma ngabet l-ebda prova lli l-imputati kienu responsabbli ghal dan is-serq. Pero, zgur illi kienu jafu illi dawn it-tlett (3) oggetti kienu misruqa u l-istess zammewhom. Dana l-Qorti hija konvinta minn dan ghas-sussegwenti ragunijiet.

1) Il-hin twil illi ttrapassa bejn il-wasla tal-Pulizija fl-appartament okkupat minnhom u l-ftuh tal-bieb ta' barra mill-imputat;
2) Ir-rimi barra t-tieqa ta' mobile tal-marka Sony Ericcson, mudell recenti u ta' valur mill-imputat mall-wasla tal-Pulizija. Bniedem normali li ma ghandhu xejn x'jahbi ghandu ghalfejn jaghmel hekk?
3) Ix-xhieda tar-rapprezentanti tad-ditti Sisley u Exit dwar il-mankanza ta', kumbinazzjoni, "item" wiehed rispettiv mill-istock rispettivi taghhom, illi jerga kumbinazzjoni, instab fil-pussess tal-imputat b'mod inspjegabbli jew mhux kredibbli. Kumbinazzjoni "item" wiehed, kull negozju nieqes u nieqes mill-istock taghhom huwa dak l-istess item msjub ghand l-imputat précis?

Illi dina l-Qorti ma tistax taccetta t-tezi tad-difiza. Mhihiex vero simili!

Illi l-akkuza tar-recediva fil-konfront tal-imputat giet ampjament ippruvata bl-esebizzjoni tas-sentenza relattiva (Mag S Demicoli tal-20 ta' Awwissu 2012 ta' sena prigunerija sospiza b'sentejn)

L-akkuza numru sitta u cioe nakkuzakom aktar talli wara li jkunu gew ikkundanati f'Malta ghal serq jew ghal ricetazzjoni, instabu fil-pusess taghhom frottijiet, xtieli, jew prodotti ohra tar-raba' jew tal-gonna, jew ta' flus, jew ta' progetti ohra, li ma jkunux tal-kondizzjoni taghhom, minghajr ma taw kont sodisfacenti ta' kif ikunu gew legittimament ghandhom; inkella instabu ghandhom mfietah, imqabblin jew falsifikati, jew ghodod ohra tajbin ghal ftuh jew sgassar ta' serraturi, jew insabu ghandhom forom ta' serraturi, minghajr ma taw kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu jinsabu ghandhom f'dak iz-zmien, ma gietx ippruvata u minn din tilliberah.

Il-Qorti wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-harba tal-imputat minn dawn il-gzejjer fil-mori tal-kawza bi ksur tal-kondizzjonijiet tal-helsien mill-arrest lilu koncessa minn dina l-Qorti fit-13 ta' Settenbru 2012 li ghaliha dina l-Qorti qeghda ssibu hati, tordna illi tghaddi f'idejn il-Gvern ta' Malta is-somma ta' elf u tminn mitt Ewro (€1,800) rapprezentanti d-depozitu minnu maghmul u l-garanzija personali li huwa kien ghamel quddiem dina l-Qorti, qeghda tordna illi s-sena prigunerija li ghaliha huwa gie kkundanat is-sentenza sospiza tal-ghoxrin (20) ta' Awwissu 2012 tigi servuta *kien gie kkundanat* u, inoltre tikkundanah ghal tmintax-il xahar prigunerija ghal dawn ir-reati lli llum instab hati taghhom li minnhom ghandhom jitnaqqsu l-ammont ta' zmien li huwa ghamel taht arrest.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------